QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR ILGIMGHA 31 TA' MEJJU 2002

Avviz Nru:- 451/00DM

Michael Zammit

vs

Carmelo Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma li ghandha tigi likwidata mill-Qorti rapprezentanti d-danni mill-konvenut bhala konsegwenza ta' kollizjoni stradali li sehhet fis-17 ta' Dicembru 1999 fi Triq il-Kullegg, Rabat, bejn il-vettura Toyota b'numru ta' registrazzjoni DAF 921 misjuqa mill-istess attur u l-vettura Subaru b'numru ta' registrazzjoni CIG 134 misjuqa mill-konvenut, liema kollizjoni sehhet unikament minhabba n-negligenza, traskuragni u nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti min-naha tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Marzu 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur tad-danni jecceddi s-somma ta' Lm250 izda anqas minn Lm400.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Azzopardi fejn eccepixxa illi:-

1 It-talba tal-attur ghandha tkun respinta bl-ispejjez kontra tieghu stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament htija tal-attur innifsu, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat id-digriet tat-22 ta' Marzu 2001 fejn hatret lil Peter Bonello bhala espert tekniku.

Rat ir-rapport tal-espert tekniku Peter Bonelloipprezentat fil-25 ta' Jannar 2002

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-kollizzjoni in kwistjoni grat bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut u dik misjuqa mill-attur meta kienu tnejn qed jinsaqu fl-istess direzzjoni wahda quddiem l-ohra. Il-partijiet jaqblu illi l-attur sab ostakolu fi triqthu u ghalhekk waqaf u l-konvenut meta sab l-attur wieqaf waqaf warajh.

Izda waqt li l-attur jallega illi l-konvenut ma waqqafx fil-hin u qabel ma waqaf kien lahaq mess mal-bumper ta' wara tal-vettura tieghu, il-konvenut jallega li hu kien lahaq waqaf wara l-attur, izda l-attur irriversja ghal go fih.

Billi mhux komportament normali li sewwieq intiz li jimxi f'direzzjoni wahda jirriverzja f'ohra minghajr ma tigi ppruvata raguni konvincenti ghal

tali manuvra, jispetta lill-konvenut illi jipprova effettivament illi kien l-attur li kien indietreggja go fih.

Biex jasal ghal din il-prova, huwa pprezenta d-deposizzjonijiet tieghu u ta' marthu li kienet riekba mieghu. Izda dawn id-deposizzjonijiet wahedhom mhumiex bizzejjed mnghajr ebda indizju jew cirkostanza ohra li tikkoraborahom sabiex iwaqqaw il-presunzjoni logika illi bejn zewg vetturi qeghdin jinsaqu jew intizi li jinsaqu fl-istess direzzjoni, il-habta bejnithom hija indikattiva ta' disattenzjoni tal-vettura li tkun fuq wara.

Ghaldaqstant issib illi l-verzjoni tal-attur hija l-unika wahda attendibbli u ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tiddikkjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall kollizzjoni in kwistjoni.

Ghal dak li jirrigwarda d-danni jirrizulta mir-relazzjoni teknika illi dawn jammontaw ghas-somma ta' Lm189.56 ( mija u disa' u tmenin liri Maltin u sitta u hamsin centezmi) u ghalhekk qieghda tillikwida d-danni li sofra l-attur f'din is-somma ta' Lm189.56 ( mija u disa' u tmenin liri Maltin u sitta u hamsin centezmi) u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez billi rrizulta illi d-danni li sofra l-attur ammontaw ghal inqas mis-somma ta' Lm250 (mitejn u hames mitt lira Maltin) u allura l-attur setgha ghazel proceduri fejn l-ispejjez kienu jkunu iktar limitati, il-Qorti tordna

Li l-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-kontendenti.

.................................
Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

A. Farrrugia
Dep/Reg Civ33